FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 17 TA' SETTEMBRU 2015

Il-Pulizija

Spettur Kylie Borg

vs

Adrian Bianchi

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' 357677M akkuzat talli:

1. kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939 kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-istess hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' whud inkarigati skont il-ligi u cioe PC 131 N.Bugeja u PC 850 S. Micallef, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
3. fl-istess hin, lok u cirkostanzi, wara li kien gie ikkundannat f'Malta ghal serq jew ghar-ricettazzjoni, nstab fil-pussess ta' ghodod tajbin ghall-ftuh jew sgassar ta' serraturi, minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu insatbu ghandu;

4. saq vettura bin-numru ABI 653 tal-ghamla Seat Cordoba b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz;
5. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 131 N Bugeja;
6. ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixklu waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu.
7. barra min dan l-imputat Adrian Bianchi huwa akkuzat talli rrenda ruhu recediv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta liema sentenza hija definittiva u tistghax tigi mibdula ai termini ta' Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan, ghal perjodu ta' zmien illi l-Qorti tidrilha xieraq.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 95, 287, 226(1)(c) u 338(ee) tal-Kap 9, u l-Artikoli 15 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi:

Tikkundannah 6 gimghat prigunerija u € 2000 multa li jithallsu €60 fix-xahar bl-ewwel pagament fl-ahhar ta' Ottubru, bi-dekadenza u fin-nuqqas ta' pagament wiehed tigi konvertita fi prigunerija. Kif ukoll sospensjoni tal-licenzja ghal tmien t'ijiem.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M. Trigona.

Magistrat.